MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 458/2011

**Mario Vella**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

F'dan il-kaz[1] ir-rikorrent qieghed jitlob li jinghata lura l-vettura Toyota Dyna Boxvan numru EAD 437 maqbuda mill-intimat permezz tan-nota ta' qbid numru: 41/2011 mahruga fl-20 ta' April 2011. Ir-rikorrent jilmenta li:-

i. Il-vettura ma kellix tinzamm mill-Kontrollur tad-Dwana ghaliex ma kienx thallas dazju fuqha.

[1] Proceduri nbdew peremzz ta' rikors prezentat fid-9 ta' Mejju 2009.

ii. Ghalkemm il-provvedimenti tal-Kap. 37 jaghti l-jedd lill-Kontrollur li jaqbad il-vettura, dan imur kontra l-jedd fundamentali tar-rikorrent ghall-proprjeta kif protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress *".... din il-vettura ma kellha xejn x'taqsam ma' dan kollu u dak li kien biss xi oggetti li kienu gewwa li kien jiksru l-ligi tad-Dwana u m'hux l-istess vettura. Fil-fatt dawn gew maqbuda permezz ta' nota ta' qbid isseparata li l-esponent ma ressaq l-ebda kontestazzjoni dwarha."*[2].

Permezz ta twegiba prezentata mill-intimat fl-1 ta' Gunju 2011 wiegeb li:-

1. M'huwiex minnu li l-vettura nqabdet minhabba li ma thallasx dazju fuqha, u mhu dovut l-ebda dazju. Inoltre l-ammont ta' €3,500 li hallas ir-rikorrent jirraprezenta l-valur tal-vettura. Il-vettura nqabdet ghaliex fiha nstabu pesticidi mohbija u li ma kienux gew dikjarati lil Malta Standards Authority, u dan bi ksur tal-Artikoli 60(b)(h)(k), 62(a)(b)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2) tal-Kap. 37.
2. Din il-qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tiddetermina l-ilment dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali.

Minn qari tar-rikors promotur hu evidenti li r-rikorrent jaccetta li meta ufficcjali tad-Dwana ghamlu tfittxija fil-vann, kien hemm oggetti projbiti. Hu stess jirrikonoxxi dan il-fatt tant li ddikjara li ma kkontestatx in-nota ta' qbid numru 40/2011 mahruga fl-20 ta' April 2011 li tirrelata ghall-kimika li tintuza ghall-pjanti[3]. L-ilment tar-rikorrent li l-vann kellu d-dazju mhallas m'huwiex rilevanti, in kwantu l-qbid ma kienx relatat ma hlas ta' dazju.

Hu minnu li b'sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Mario Vella**, ir-rikorrent gie liberat mill-akkuza ta' importazzjoni tal-imsemmija prodotti minghajr

[2] Fol. 1.
[3] 20 Jerry Cans ta' 5 litri Ormosep, 4 Jerry Cans ta' 5 litri Glifene, 4 Jerry Cans ta' 5 litri Penthium, 20 pakkett ta' kilo-il wiehed Ridomil Gold.

awtorizazzjoni[4]. Madankollu, dan m'huwiex bizzejjed. Mill-provi li nstemghu jirrizulta li:-

i. Ufficjali tad-Dwana kienu sabu pesticidi, li parti minnhom kienu mohbija, fil-vann oggett ta' dawn il-proceduri.
ii. Ir-rikorrent ma kienx talab permess biex jimporta f'Malta l-pesticidi li nstabu fil-van tieghu.
iii. Fiz-zmien meta sehh il-kaz, mill-erba' sustanzi li nstabu, kien biss ir-Ridomil li seta' jigi mpurtat f'Malta[5].

Skond il-Ligi Sussidjarja 430.01[6] hadd ma jista' jimporta sustanzi li ghandhom effett fuq pjanti, sakemm ma jkunx registrat u l-prodott irid ikun awtorizzat li jista' jiddahhal Malta mid-Direttur tal-Awtorita Maltija ghall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur[7]:-

*"Ebda persuna m'ghandha tippromwovi, **tinnegozja**[8] jew tiddisponi minn xi:*

*(a) sustanza attiva jekk din ma tkunx **registrata skont dawn ir-regolamenti**,*
*(b) prodott ghall-harsien tal-pjanti jekk dan ma jkunx **awtorizzat biex jitqieghed fis-suq f'Malta** skont dawn ir-regolamenti, sakemm ma tkunx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni biex jinnegozja sustanzi attivi jew prodotti ghall-harsien tal-pjanti moghtija lilu skont is-subregolament."*.

Ma jaghmilx differenza jekk il-kimika tigi mportata biex tinbiegh fis-suq jew ghall-uzu personali. Fl-affidavit li pprezenta l-attur qal:- *"Jiena nhoss li peress illi ikkoperajt mal-ufficjali tad-Dwana, fejn anke ammettejt mill-ewwel li*

---

[4] Kull ma jinghad fis-sentenza hu: *"Peress li l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi tillibera lill-imputat mill-istess akkuza."*. Minn qari tas-sentenza ma jidhirx li l-proceduri kriminali ttiehdu taht L-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37).
[5] Ara deposizzjoni ta' Shirley Mifsud – seduta tal-20 ta' Marzu 2012.
[6] Plant Protection Products Regulation.
[7] Regolament 20.
[8] Skond l-istess Ligi Sussidjarja: *"negozjar" tfisser kull attività fil-manifattura, **importazzjoni**, esportazzjoni, garr, distribuzzjoni, prezentazzjoni ghall-bejgh jew bejgh ta' xi prodott ghall-harsien tal-pjanti."*.

*kont impurtajt l-imsemmija pesticidi, inhoss li l-qbid tal-vann tieghi ma kellux ghalfejn isir, liema qbid fisser li jien kelli naghmel diversi xhur minghajr il-vann u li mbaghad kelli niddepozita 3,500 Euro biex niehdu lura."*[9]. Pero d-decizjoni ma tistax tigi bbazata fuq l-opinjoni tar-rikorrent izda fuq il-provvedimenti tal-ligi. Dan apparti l-fatt li wiehed irid jiftakar li r-rikorrent inqabad *in flagrante* bis-sustanzi fil-vann tieghu. Ghalkemm meta gie mistoqsi jekk kienx qieghed igorr xi affarijiet ohra apparti l-pjanti dikjarati fil-manifest tal-vapur, wiegeb iva, l-affarijiet xorta kienu ser jinstabu mill-ufficjali tad-Dwana fit-tfittxija meqjus li waqqfu l-vettura misjuqa mir-rikorrent rapport li kienu rcevew.

Jirrizulta li mal-wasla tar-rikorrent f'Malta minn Sqallija, fil-11 ta' Frar 2011, saret tfittxija fil-vettura tar-rikorrenti u nstabet il-kimika[10]. L-Artikolu 62(a) u (b) tal-Ordinanza tad-Dwana jipprovdu li jwettaq reat kull min:-

*"(a)* ***jimporta jew idaħħal****, jew ikollu x'jaqsam f'illi jiġu mportati jew imdaħħlin, f'Malta,* ***oġġetti li tagħhom hija pprojbita l-importazzjoni****,* ***jew li l-importazzjoni tagħhom hija limitata****, b'kontravvenzjoni ta' dik il-projbizzjoni jew limitazzjoni, sew jekk dawn l-oġġetti jkunu ġew żbarkati kemm le;*

*(b)* ***jiżbarka****, jew jgħin jew ikollu b'xi mod ieħor x'jaqsam f'illi jiġu żbarkati* ***oġġetti li tagħhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni tagħhom hija limitata u mportati b'kontravvenzjoni ta' dik il-limitazzjoni****, jew oġġetti suġġetti għal dazju, bla ma dan id-dazju jkun ġie mħallas jew ikkawtelat".*

Gialadarba tlieta mill-erbgha sustanzi li nstabu fil-vann tar-rikorrent ma kienux registrati skond il-Ligi Sussidjarja 430.01, ma setghux jigu mportati f'Malta.

Imbaghad l-Artikolu 69 jipprovdi:-

---

9 Fol. 22.

10 Patrick Attard xehed: *"Illi fil-11 ta' Frar 2011, id-Dwana kellha informazzjoni li kienu se jidhlu xi pesticidi b'mod illegali fuq vann li kien se jasal Malta minn Pozzallo fi Sqallija fuq il-catamaran Jean De La Vallette. Ghalhekk, din l-informazzjoni giet mghoddija lill-ufficjali tad-Dwana li kienu xoghol dak il-hin."*.

*"(1) Il-bastimenti, l-oġġetti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali jew ħwejjeġ oħra suġġetti għal konfiska, jistgħu jiġu maqbuda f'kull lok, sew fuq l-art kemm fuq il-baħar, minn kull uffiċjal tad-dwana jew tal-Pulizija, u meta dawn il-bastimenti, oġġetti, vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr flimkien maż-żwiemel u annimali u ħwejjeġ oħra jiġu hekk maqbuda, għandhom jitqiegħdu minnufih taħt idejn il-Kummissarju."*.

L-Ordinanza tad-Dwana hi cara, fis-sens li:-

*"(b) jekk **oggetti li taghhom hija ipprojbita l-importazzjoni** jigu importati jew imdahhlin f'xi parti ta' Malta;.......*

*f'kull każ bħal dan, l-oġġetti hawn fuq imsemmija **għandhom jiġu kkonfiskati**, flimkien mal-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati magħhom, jew li jkunu ġew użati biex jaħbuhom."*.

Imbaghad l-Artikolu 68(1) tal-istess ligi jipprovdi:-

*"**68.** (1) Il-bastimenti, **<u>il-vetturi</u>** jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar **<u>xjentement użu minnhom fl-importazzjoni</u>**, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska **<u>għandhom jiġu kkonfiskati.</u>**"*.

Minn qari ta' dawn il-provvedimenti hu evidenti li:-

i. Oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita, ghandhom jigu kkonfiskati.
ii. Vetturi li xjentement jintuzaw biex jiddahhlu f'Malta oggetti li ma jistghux jigu mportati f'Malta, ghandhom jigu konfiskati. M'hemmx dubju li r-rikorrent kien jaf x'qed jaghmel, fis-sens li xjentement ghamel uzu mill-vettura biex idahhal prodotti li ma setghux jidhlu

f'Malta[11]. Rilevanti wkoll li r-rikorrent ma ddikjarax il-pesticidi meta gie biex itella' l-vettura fuq il-catamaran[12]. Ghalkemm qal li kien xtrahom dakinhar stess qabel nizel il-port biex jigi lura Malta, m'huwiex verosimili li ma ddikjarahomx ghal din ir-raguni. Sahansitra parti mill-oggetti kienu mohbija taht qiegh falz fil-vettura. Jekk ir-rikorrent ma kellux x'jahbi ma kien ikollu l-ebda problema li jiddikjara l-pesticidi kif iddikjara l-pjanti. F'dan ir-rigward Patrick Attard xehed: *"Kif tela gol vann il-kollega Hilary Fenech hass il-fond tal-vann instabbli u kien f'dak il-mument li skoprejna li l-vann kellu qiegh falz mghotti bi pjanca kbira tal-hadid. Kien unikament f'dan il-mument li Mario Vella qalilna li kellu kontenituri ohrajn bil-pesticidi mohbijin fil-kavita ta' dan il-qliegh falz. Ghidltu sabiex jgholli l-pjanca tal-hadid u hemm skoprejna li kien hemm.... (20) kontenitur ORMOSEP L ta' (5) litri il-wiehed."*. Fic-cirkostanzi l-qorti hi moralment konvinta li r-rikorrent kien jaf li qieghed jaghmel il-hazin.

iii. L-ufficjali tad-Dwana jistghu jaqbdu vetturi li jkunu suggetti ghall-konfiska.

Dan mhux xi kaz fejn qorti tista' tezercita diskrezzjoni. Ghalhekk l-argument tar-rikorrent li kien hemm koperazzjoni min-naha tieghu, ma jistax isib konfort fih. Jirrizulta li ghalkemm il-vettura ttiehdet minghand ir-rikorrent fil-15 ta' Frar 2011, skond ma jinghad f'Dok. CA3[13], ittiehdet *"pending investigation"*. Kien biss wara li saru t-testijiet fuq il-kimika u nghata r-rizultat mill-ufficjali tal-Awtorita' tal-Kompetizzjoni u Affarijiet tal-Konsumatur, li nharget in-nota ta' qbid 41/2011.

Ghalhekk fic-cirkostanzi jidher li l-qbid tal-vann min-naha tal-intimat kien skond il-ligi. Ir-rikorrent ilmenta minn ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta, ghaliex isostni li kienu biss l-oggetti li kien hemm fil-vann li kienu kontra l-ligi tant li ma kienx qieghed jitlobhom lura.

[11] In kontro-ezami xehed*: "Jien kont naf li jekk l-ufficcjali* tad-Dwana ser ifittxuli, u jsibuli dawn il-prodotti kienu ser jehduhomli, imma din kienet ta' darba." (seduta tal-20 ta' Marzu 2012).

[12] Patrick Attard, ufficjal tad-Dwana xehed li r-rikorrent *"...kien iddikjara fuq il-manifest tal-catamaran li kien qed igorr pjanti biss."* (ara wkoll Dok. PA1 anness mal-affidavit ta' dan ix-xhud fejn jissemmew biss pjanti).

[13] Anness mal-affidavit ta' Carmel Attard, ufficcjal iehor tad-Dwana.

Fil-fehma tal-qorti din m'hijiex materja li ghandha tigi trattata fi proceduri bhal dawn li jsiru taht l-Artikolu 72 tal-Kap. 37. Dan apparti l-fatt li dak li ghamel l-intimat hu sempliciment li wettaq id-dmirijiet tieghu skond il-ligi, fatt rikonoxxut mir-rikorrent stess[14]. Inoltre, kull ma jaghmel l-intimat hu li johrog nota ta' qbid. Fir-realta l-konfiska ssir b'effett ta' sentenza li tinghata fi proceduri kriminali u li fiha jigi ordnat il-konfiska tal-oggett. Alternattivament b'rizultat ta' proceduri ta' din ix-xorta, fl-eventwalita li l-qorti ma tilqax it-talba tas-sid biex jinghata lura l-oggett. Imbaghad f'kaz li l-intimat johrog u jinnotifika n-nota ta' qbid u din ma tigix kontestata, allura tista' tghid li l-konfiska tigi fis-sehh *ex lege* in kwantu l-oggett hu meqjus bhala mitluq (ara Artikolu 72 tal-Kap. 37). Dan m'huwiex procediment biex jigi mistharreg jekk provvediment tal-ligi jilledix id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, f'liema eventwalita' certament li l-intimat ma jkunx il-legittimu kontradittur.

Jirrizulta li wara li r-rikorrent ipprezenta r-rikors, il-vettura nghatat lura lilu wara li hallas depozitu ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500)[15]. Skond l-Artikolu 72(4) tal-Kap. 37, fil-pendenza ta' proceduri ta' din ix-xorta l-intimat ghandu l-awtorita li jaghti lura l-oggett maqbud wara li jithallas jew tinghata garanzija ghall-valur tal-oggett; *"Dik is-somma jew garanzija, skont il-każ, għandha tinżamm biex tagħmel tajjeb għal kull pretensjoni li jista' jintalab dwarha skont il-liġi u għall-fini ta' kull proċedimenti meħuda taħt din l-Ordinanza dwar l-oġġetti maqbuda, għandha tirrappreżenta u tissostitwixxi l-oġġetti maqbuda msemmija."*. Ghalhekk f'tali cirkostanzi l-oggett jigi sostitwit bi flus jew garanzija. Ghaldaqstant, fir-realta' t-talba hi biex ir-rikorrent jiehu lura s-somma ta' €3,500.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.**

[14] Ir-rikorrent stess, fin-nota ta' sottomissjonijiet (fol. 5), iddikjara li: *"f'dan il-kaz l-agir tal-Kontrollur tad-Dwana sar a tenur tal-provvediment tal-ligi tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta)."*.

[15] Ara fol. 27.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------